# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 76/00mm**

**Express Trailers Limited**

**Vs**

**Mambra Electronics Limited gja**

**Mambra Company Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' erba' mija u sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm486.45) dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghall-garr ta' merkanzija u spejez ohra relatati skond il-fattura

annessa mmarkata Dokument ‘A’, liema somma ma thallsitx mis-socjeta’ konvenuta nonostante diversi nterpellazzjonijiet li saru lis-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 28 ta’ Dicembru, 1999, u tal-Mandat ta’ Sekwestru u tal-Mandat ta’ Qbid ipprezentati kontestwalment ma’ l-Avviz u bl-imghax kummercjali, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li biha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero’ zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-1 ta’ Marzu, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez, kontra s-socjeta' konvenuta.

Avv Nru  76/00mm